



Brussell, 5 ta' Novembru 2019
(OR. en)

13145/1/19
REV 1

Fajl Interistituzzjonal:
2018/0145(COD)

CODEC 1485
ENT 232
IND 251
MI 715
ENV 852
TRANS 479

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar rekwiziċi tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi motorizzati u l-karrijet tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tal-vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħihom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbi tat-triq, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009, (UE) Nru 406/2010, (UE) Nru 672/2010, (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 1005/2010, (UE) Nru 1008/2010, (UE) Nru 1009/2010, (UE) Nru 19/2011, (UE) Nru 109/2011, (UE) Nru 458/2011, (UE) Nru 65/2012, (UE) Nru 130/2012, (UE) Nru 347/2012, (UE) Nru 351/2012, (UE) Nru 1230/2012 u (UE) 2015/166 (**I-ewwel qari**)
- Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fis-17 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħi fid-19 ta' Settembru 2018².

¹ 9006/18.

² ĠU C 440, 6.12.2018, p. 90.

3. Fis-16 ta' April 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni (mingħajr reviżjoni mill-ġuristi lingwisti). Wara l-finalizzazzjoni tat-test adottat mill-ġuristi lingwisti, il-Parlament approva rettifika għal dik il-pożizzjoni fis-sessjoni plenarja tiegħu mid-9 sal-10 ta' Ottubru 2019. Din tirrifletti l-Ittehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-Istituzzjonijiet u għaldaqstant għandha tkun aċċettabbli għall-Kunsill³.
4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentant Permanentu huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:
 - japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 82/19, bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, bl-astensjoni tar-Renju Unit;
 - jiddeċiedi li d-dikjarazzjonijiet fl-Addendum 1 u 2 għal din in-nota jiddaħħlu fil-minuti ta' dik il-laqgħa;
 - jiddeċiedi li d-dikjarazzjoni li tinsab fl-Addendum 1 għal din in-nota tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ser jiġi adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea*.

³ 8505/19.